## QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

### IMHALLEF

### ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 28 ta' Mejju 2002**

**Appell Nru 76/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Galea fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli (**1**) bhala persuna registrata mal-imsemmi Kummissarju skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fis-16 ta' Ottubru, 1999, ghall-habta tad-9.30 am fil-Fontana Kiosk, City Gate Bus Terminus, Valletta, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u ta' l-Artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) tal-Att XXIII ta' l-1998; u aktar talli (**2**) fl-istess zmien u fl-istess post naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi pprovduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, u 3 tal-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att imsemmi u tal-Artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) tal-istess Att; kif ukoll talli (**3**) fl-istess zmien u fl-istess post hareg, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, ricevuta li ma kienitx korretta u li kienet tqarraq f'rigward materjali, u dan billi indika fuq dik l-ircevuta in-numru tar-registrazzjoni bhala 1146-0853 minflok 1146-8503, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) tal-Att XXIII ta' l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' April, 2002 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Joseph Galea mill-ewwel imputazzjoni peress li rriteniet li dina l-imputazzjoni kienet inghatat bhala

alternattiva ghat-tieni imputazzjoni[1], izda **sabitu hati** skond it-**tieni** imputazzjoni u **kkundannatu multa ta' mitejn lira (Lm200) fuq din it-tieni imputazzjoni**, kif ukoll **sabitu hati** skond it-**tielet** imputazzjoni u **kkundannatu multa ta' mitejn lira (Lm200) fuq din it-tielet imputazzjoni**;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Galea, minnu ppresentat fil-15 ta' April, 2002 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2002; ikkunsidrat:

Il-fatti brevement kienu s-segwenti: fil-gurnata u fil-hin indikati fic-citazzjoni, zewg spetturi tal-VAT innotaw diversi bejgh li kien qed isir mill-Fontana Kiosk li ghalih ma kienx qed jinhareg ricevuta. Huma avvicinaw lill-persuna li kienet qed taqdi lill-klienti, certa Simone Galea (li evidentement kienet qed tagixxi ghan-nom tal-persuna registrata, cioe` ghan-nom ta' l-appellant) u meta kkonfrontawha bil-fatt li hija ma kienitx harget ricevuti fiskali, hija ammettiet; hija stqarret li l-*cash register* ma kienx qed jahdem, pero` stqarret ukoll li kellha *cash register* iehor. Meta gabet dan il-*cash register* l-iehor hija mmarkat il-bejgh li kienu nnutaw l-ispetturi u harget l-ircevuti relattivi, u dan, naturalment, fuq talba specifika tal-imsemmija spetturi. Irrizulta mill-ircevuti hekk mahruga (Dokti. CD1, CD2 u CD3) kif ukoll mill-*X reading* li l-ispetturi talbu lil din Galea bieh tohorgilhom, li kemm il-formula tal-*X reading* kif ukoll l-ircevuti fiskali, ghalkemm kienu jindikaw id-data u l-hin tajjeb, kif ukoll kienu jindikaw korrettement l-isem tan-negozju (Fontana Kiosk), kienu jindikaw il-*VAT Registration Number* bhala 1146-0853 minflok 1146-8503.

L-aggravju ta' l-appellant dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti, frankament, issibha difficli li tifhmu. Donnu l-appellant qed jippretendi li ghax gie lliberat mill-ewwel imputazzjoni, l-ewwel qorti kellha tilliberah ukoll mit-tieni imputazzjoni; jew li ma setghetx issibu hati skond din l-imputazzjoni peress li rrizulta li ma kienx presenti fil-post fejn kien qed isir il-bejgh fil-fatt meta effettivament sar il-bejgh u ma nhargux l-ircevuti. Il-provi f'dan il-kaz huma cari; u daqstant cara hija wkoll ir-responsabbilta` vikarja tal-appellant, bhala l-persuna registrata (ara Dok. JF2, fol. 9), ghal dak li ghamlet jew naqset milli taghmel Simone Galea, responsabbilta` vikarja li tohrog mill-Artikolu 82(2) tal-Att XXIII ta' l-1998. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

Dwar it-tielet imputazzjoni, pero`, l-aggravju ta' l-appellant huwa fondat. Ma hemm xejn fil-provi li jindika li l-appellant <u>jew</u> Simone Galea kienu jafu bl-izball fin-numru tar-registrazzjoni u xi hadd minnhom halla kollox ghaddej. Kif fissru ix-xhieda James Farrugia u Charles Dimech, in-numru li jigi stampat fuq l-ircevuta fiskali jigi determinat mill-kumpanija li tissuplixxi l-*cash register* u ma jidher li hemm ebda mod kif il-persuna registrata tista' taqbad u tbiddel dana

[1] F'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel qorti suppost mhux illiberat izda astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-ewwel imputazzjoni.

n-numru. Fi kliem iehor, f'dan il-kaz ma hemm xejn x'jindika li l-appellant, jew il-persuna li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, deliberatament halla li jinhargu ricevuti fiskali li kellhom in-numru zbaljat. Konsegwentement l-appellant huwa ma kellux jinstab hati skond it-tielet imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn sabet lil Joseph Galea hati skond it-tielet imputazzjoni u fejn ikkundannatu multa ta' mitejn lira fuq din l-imputazzjoni, u minflok tlliberah minn dina t-tielet imputazzjoni; izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

A. Testone
Deputat Registratur